MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2006

Numru 679/2006

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Shawn Borg, iben Philip
imwieled Pieta’ fl-1 ta’
novembru, 1988

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta’ bejn il-15 u is-16 ta’ lulju, 2006, f’xi ħin bejn il-11.30 p.m. u in-00.30 a.m. ġewwa l-istabiliment magħruf bħala ‘121 Lounge’, Triq Santa Rita, San Ġiljan u\jew fil-viċinanżi –

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġuna ferita ta’ natura ġravi fil-ġisem ta’ Tancred-Lino Debono;
2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-għajjat u bil-ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Lulju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 214, 216(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, il-fatt li l-imputat hu minorenni, l-ammissjoni bikrija u l-kollaborazzjoni mal-pulizija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------